# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' it-13 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru : 314/2018 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**AB**

**Vs**

**JC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AB data 4 ta' Diċembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni ntimat bjen il-partijiet twieled il-minuri DCB u dan kif jindika c-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok A.*

2. *Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet sfaxxat minhabba li minkejja li l-partijiet kienu ilhom flimkien ghal diversi snin, hekk kif appena l-esponenti harget tqila il-missier intimat harab mix-xena u abbanduna lill-esponenti tqila;*

3. *Illi ghalhekk hu neccessarji li jigi regolat li l-minuri ghandu dritt ikollu ma' missieru ghall-ahjar zvilupp tieghu;*

4. *Madanakollu, l-intimat m'huwiex il-persuna idonea li jkollu l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejh u dan ukoll ser jirrizulta mill-provi waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza;*

5. *Illi apparti dan kollu l-intimat qieghed jirrifjuta li jaderixxi ruhu mad-digriet ta' manteniment li stabbiliet din l-Onorabbli Qorti pendente l-medjazzjoni li wasslet ghal din il-kawza;*

6. *L-omm ghadha sal-gurnata ta' llum terfa' l-piz tal-minuri minghajr kollaborazzjoni tal-missier minhabba l-persistenza tieghu li jibqgha jisfida l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti, tant li l-istess agir tieghu jirravviza ruhu bhala disprezz sfaccat lejl l-Awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti;*

7. *Illi l-esponenti damet fuq sena tipprova timmedja mal-missier izda hu stress insista li l-proceduri ta' medjazzjoni ghandhom jinghalqu ghaliex ma huwiex dispost li la jasal fi ftehim u lanqas li jobdi xi tip ta' ordni ta' din l-Onorabbli Qorti;*

8. *Illi sussegwentement, l-esponenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi b'din il-kawza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) permezz ta' digriet datat 11 ta' Ottubru, 2018 (vide Dok B).*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob dina l-Onor. Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:*

1. *Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri DCB tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici u tiffissa granet u hinijiet li fihom il-konvenut ghandu jezercita access fil-konfront tal-minuri taht il-kundizzjonijiet li dina l-Onor. Qorti joghgobha timponi;*

2. *Tordna illi kull beneficcju u/jew ghajnuna socjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri tinghata unikament lir-rikorrenti;*

3. *Tikkonferma b'mod permanenti d-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti ta' nhar il-25 ta' Lulju 2018, fejn din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talbiet attrici u ppronunzjat ruhha fir-rigward ta' rata ta' manteniment u l-hlas ta' l-ispejjez medici u edukattivi;*

4. *Tordna li l-esponenti tithallas dan il-manteniment u l-ispejjez hekk kif iffissat bid-digriet tal-25 ta' Lulju, 2018 u fin-nuqqas tal-pagament tali hlas jibda jinqata' direttament mid-dhul tal-konvenut u dan b'effett mil-25 ta' Lulju*

*2018 minhabba l-istess inadempjenza tal-konvenut.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li qed jigi minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta’ JC datata 14 ta’ Marzu 2019, a fol 22 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi dina r-risposta guramentata qeghda tigi pprezentata ghajr illi l-esponenti konvenut ma giex debitament innotifikat. Illi huwa skopra b’kumbinazzjoni illi hemm dina l-kawza pendenti kontra tieghu u dana ghaliex informatu bil-fomm hi stess u peress li huwa ghandu interess serju fuq il-benessere ta’ ibnu huwa ma jridx joqghod jistenna sakemm jigi nnotifikat u ghalhekk qieghed jintavola dina r-risposta.*

2. *Illi huwa minnu illi minn relazzjoni li l-partijiet kellhom twieled il-minuri DCB.*

3. *Illi izda mhux minnu illi l-esponenti konvenut harab mix-xena u abbanduna lil l-attrici hekk kif l-attrici harget tqila. Illi l-verita’ hija, li r-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet spiccat minhabba li l-esponenti konvenut kien qabad lil l-attrici f’relazzjoni ma’ terza persuna, u cioe’ kienet qeghda taqlibilu. Illi ovvjament wara li sar jaf b’dan u kkonfrontaha fejn hija ma nneggatx, ir-relazzjoni spiccat.*

4. *Illi izda minkejja li r-relazzjoni ta’ bejniethom kienet spiccat, huwa qatt ma abbanduna l-obbligi tieghu ta’ missier. Fil-fatt qabel ma twieled il-minuri huwa kien ukoll hallas lill-attrici ghal vizti medici li kien ikollha bzonnha u appena kif twieled il-minuri, apparti li mill-ewwel beda jghaddi s-somma mensili ta’ mitejn Ewro (€200) oltre nofs l-ispejjez ta’ sahha huwa qabad u xtara oggetti ta’ valur gholi a karigu tieghu biss bhal pushchair fost affarijiet ohra u taghhom lilha sabiex tuzhom hi biss.*

5. *Illi fir-raba’ paragrafu tar-rikors guramentat gie allegat li l-esponenti konvenut mhuwiex persuna idonea biex jkollu fdata l-kura u kustodja. Illi kif se jigi ppruvat fil-mori ta’ dawna l-proceduri u fil-proceduri tat-talba rikonvenzjonali*

*li l-esponenti konvenut se javalixxi ruhhu minnha, illi huwa persuna idoneja sabiex ikollu fdata l-kura u kustodja u hija propju l-attrici li m'ghandhiex l-gharfien ta' x'inhi kura u kustodja, tant li l-ghan taghha kien li teskludi u xxekkel lil esponenti konvenut mid-dmirijiet tieghu ta' missier.*

6. *Illi fil-hames paragrafu qieghed jigi allegat li l-esponenti konvenut mhuwiex qieghed jadirixxi ruhhu mad-digriet ta' manteniment pendenti lite ta' dina l-Onorabbli Qorti. Illi jrid jigi kkjarifikat dina l-allegazzjoni. Illi d-digriet ta' manteniment li qieghed jigi riferut mill-attrici huwa digriet pendente lite li nghata fil-mori tal-proceduri tal-medjazzjoni, fejn l-esponenti konvenut li kien injot kollox fuq il-proceduri tal-Qorti ma kienx jaf li meta jircievi rikors, l-konsulenta legali tieghu ma kienx se jkollha gharfien fuq meta jigi nnotifikat kemm il-darba huwa ma jkellimiex. U ghalhekk peress li r-risposta ma dahhlietx fil-hin stipulat mill-Qorti, nghata digriet fejn it-talbiet attrici ta' manteniment ta' tlett mitt Ewro (€300) li jghola ghal tlett mija u hamsin Ewro (€350) meta l-minuri jghalaq hames snin gew milqugha. Illi l-esponenti konvenut m'ghandhux il-mezzi li jhallas dawna l-ammonti. Izda huwa dejjem baqa' jhallas is-somma ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar. Illi l-intenzjoni ta' l-attrici hija solament ikkoncernata fuq flus u xejn iktar. Illi tifel li ghadu lanqas qieghed immur skola, manteniment ta' mitejn Ewro (€200) ghandu jkun sufficjenti, izda l-attrici riedet iktar flus sabiex hi tkun tista' tghix minn fuq dahar il-minuri.*

7. *Illi s-sitt paragrafu ta' l-attrici huwa nveritier. Fil-fatt il-konvenut esponenti mhux talli jrid jerfa' r-responsabilita' tieghu u qieghed jerfa' r-responsabilita' tieghu kif ser jigi ppruvat fil-mertu, izda hija l-attrici nnifisha li mhux qeghda terfa r-responsabilita' taghha – anzi qeghda taghmel minn kollox biex ma tinkludix lil esponenti konvenut fid-decizjonijiet tal-minuri.*

8. *Illi s-seba' paragrafu ta' l-attrici huwa nveritier ukoll. Illi huwa minnu li damu jimmedjaw izda kienet l-attrici nnifisha li ma accettatx li l-manteniment jkun ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar oltre nofs l-ispejjez edukattivi u sahha. Illi in oltre waqt il-proceduri kien hemm ukoll tertuq ta' qalb fuq l-access u dana ghaliex b'sahha ma riedetx izzid l-access. Illli fil-fatt kien il-konvenut esponenti li fetah il-proceduri tal-medjazzjoni u dana ghaliex l-attrici ma riedetx turi lil minuri lil familjari ta' l-esponenti konvenut u dana ghaliex hija riedet li l-access issehh*

*biss gewwa darha u mhux ma' l-esponenti konvenut wahdu. Illi peress li ma hemm l-ebda digriet fuq access, l-access qieghed ikun kollox fuq id-disponibilita' taghha a detriment tar-relazzjoni ta' bejn l-esponenti konvenut u ibnu.*

9. *Illi ghallhekk qieghed jigi eccepiet sabiex tichad l-ewwel talba attrici b'dana illi l-kura u kustodja tkun fdata b'mod kongunta. Illi dana ghaliex ghal kuntrarju ta' l-attrici, l-esponenti konvenut jemmen bi shih li minkejja li r-relazzjoni taghhom spiccat, l-obbligi u d-doveri ta' genituri ma spiccawx u ghalhekk l-ghan tieghu huwa li z-zewgt partijiet jghamlu co-parenting lejn binhom minuri. Illi huwa propju minhabba f'hekk li huwa jitlob illi t-talba attrici tigi michuda.*

10. *Illi fl-ewwel talba attrici, l-attrici ziedet tghid li l-esponenti konvenut ghandu jigi akkordat l-access. Izda ma semmietx u ma talbietx fejn ghandha tkun ir-residenza tal-minuri. Illi la darba ma gietx mitluba fejn ghandu jkun ir-residenza tal-minuri, u anka dana minhabba kif ser jigi ppruvat fil-mertu tal-kawza, ir-residenza tal-minuri ghandha tkun ma' l-esponenti konvenut, l-attrici jkollha access versu binha. Izda u dan minghajr pregudizzju ghal dina l-eccezzjoni u t-talbiet misjuba fit-talba rikonvenzjonali ta' l-esponenti konvenut jekk dina l-Onorabbli Qorti minkejja li gie eccepiet xorta wahda tilqa' t-talba li l-esponenti konventu ghandu jkollu access, tali access ghandu jigi ddeterminat fl-ahjar interess tal-minuri u sabiex tigi ppreservata r-relazzjoni tal-minuri ma' l-esponenti konvenut.*

11. *Illi jekk tigi michuda l-ewwel talba attrici, kull beneficcju socjali u/jew ghajnuna socjali ghandha tigi percepita mill-konvenut u percio' t-tieni talba ghandha tigi michuda.*

12. *Illi tichad it-tielet talba attrici u dana ghaliex kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza huwa iktar idoneju ghal minuri sabiex jghix mal-esponenti konvenut u ghalhekk semmai hija l-attrici li trid tghaddi l-manteniment. Illi di piu' u dana minghajr pregudizzju ghal dina l-eccezzjoni u ghat-talbiet misjuba fit-talba rikonvenzjonali, l-ammont stipulat fid-digriet huwa eccessiv u l-esponenti konvenut mhuwiex f'pozzizjoni li jhallas iktar minn mitejn Ewro (€ 200) mensili oltre nofs l-edukazzjoni u s-sahha.*

13. *Illi tichad ir-raba' talba attici in toto.*

14. *Salv kull eccezzjoni ulterjuri.*

*Bl-ispejjez ta' dawna l-proceduri, inkluz dawk tal-medjazzjoni numru 1047/17 kontra l-attrici illi minn issa hija ngunta in subizzjoni.*

Rat it-talba rikonvenzjonali ta' JC datata 14 ta' Marzu 2019, a fol 17 et seqq. li taqra hekk:

*Il-prezenti azzjoni qeghda tigi ntavolata ai termini ta' l-Artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta' Malta kif gie delinjat fir-risposta guramentata tal-konvenuta u ghalhekk il-konvenut, JC qieghed jissottometti bir-rispett u bil-gurament jiddikjara:*

1. *Illi minn relazzjoni li l-partijiet kellhom twieled il-minuri DCB fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) u dan skont ic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok A****.*

2. *Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet itkissret wara li l-konveut rikonvenzjonanti skopra li l-attrici rikonvenzjonata kellha relazzjoni ma' terza persuna u dana meta l-partijiet kienu qeghdin flimkien u qeghdin jistennew it-twelid tal-minuri taghhom.*

3. *Illi minkejja li r-relazzjoni intemmet, il-konvenut rikonvenjonanti dejjem ried ikollu rwol attiv f'hajjet il-minuri u fil-fatt minn qabel ma twieled beda jikkontribwixxi finanzjarjament ghalih u dana kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.*

4. *Illi l-obbligi tal-konvenut rikonvenzjonanti ma jispiccawx sa l-obbligi finanzjari izda l-konvenut rikonvenzjonanti huwa attiv fejn jidhol il-benessere tat-tifel minuri u dejjem issaqsi u jibghat lill-attrici rikonvenzjonata ghad-dettalji fuq it-tifel kif ukoll jsaqsi fuq il-benessere tieghu u joffri soluzzjonijiet u anka pariri. Izda hija l-attrici rikonvenzjonata li qeghda xxekkel li jkun hemm*

*kura u kustodja kongunta u dana billi teskludi b'mod attiv lil konvenut rikonvenzjonanti. Illi l-unika haga li l-konvenut jixtieq u jrid hija li jkun jista' jkun parti fit-trobbija ta' ibnu ma' l-attrici rikonvenzjonata. U hija propja dina r-raguni ghaliex huwa jemmen li kura u kustodja ghandha tkun kongunta.*

3. *Illi l-konvenut rikonvenzjonanti jemmen illi l-ahjar ambjent fejn jitrabba ibnu hija mieghu u mhux ma' l-attrici rikonvenzjonata. L-attrici rikonvenzjonata tghix f'ambjent liema ambjent ma joffrix is-sigurta', l-istabilita' u l-benessere li wiehed jistenna f'ambjent fejn ghandu jitrabba minuri, aparti l-fatt li l-attrici rikonvenzjonanta thalli l-minuri ma' ommha sabiex hija tkun tista' tohrog ma' shaba, jew aghar minn hekk tiehu l-istess minuri f'ambjent li mhuwiex idoneju ghal minuri ta' dik l-eta'. Illi ghalhekk l-konvenut rikonvenzjonati jemmen illi r-residenza primarja tal-minuri ghandha tkun mieghu b'access favur l-attrici rikonvenzjonata, liema access ghandu jkun skont l-ezigenzi tal-minuri.*

4. *Illi minkejja l-isforzi tal-konvenut rikonvenzjonant l-ebda ftehim amikevoli ma seta' jsehh u dana minhabba l-intransigenzi da parti ta' l-attri rikonvenjonata. Illi l-ghan ta' l-attrici rikonvenzjonata huwa l-flus – thares lejn il-konvenut rikonvenzjonanti bhala ATM u tippretendi li huwa jhallas l-ammont ta' tlett mitt Ewro (€300) fix-xahar meta huwa jaqla' medja ta' cirka hdax-il elf (€11,000) fis-sena. Fil-fatt dan u l-access u l-kommunikazzjoni kienu l-ikbar dizgwid bejn il-kontendenti. Il-konvenut rikonvenzjonanti dejjem emmen li bil-kelma t-tajba tista' tasal, izda l-attrici rikonvenzjonata mhux hekk. Hija intavolat rikors u l-konvenut rikonvenzjonanti li ma kienx jaf kif tahdem il-procedura tal-Qrati, ma avzax lil konsulent legali tieghu li gie nnotifikat b'rikors, biex b'hekk kien lehaq ghadda z-zmien u r-risposta tardiva u r-rikors revoka ma gewx accettati u b'hekk it-talbiet ta' l-attrici rikonvenzjonata gew accettati fi shih. Illi huwa baqa' jhallas mitejn Ewro (€200) fix-xahar u dana ghaliex ma jaffordjax ihallas iktar oltre nofs l-ispejjez ta' sahha. Illi huwa qalilha dan u kellimha izda minflok li tifhem is-sitwazzjoni tieghu hija qeghda tghamillu rapporti kriminali fejn qieghed ikollu jissellef il-flus mill-familjari sabiex ikun jista' jhallas il-bilanc tal-manteniment.*

6. *Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati illi jipprezentaw din il-kawza ta' separazzjoni permezz ta' digriet moghti f' dan is-sens minn dina l-Onorabbli Qorti,*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi qieghed jigi umilment mitlub mill-konvenuta rikonvenzjonanta sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri, DCB tkun fdata b'mod kongunt bejn il-partijiet;*
3. *Tiddikjara illi l-minuri DCB jirrisjedi primarjament mal-konvenut rikonvenzjonanti filwaqt li l-attrici rikonvenzjonata ikollha access lejn binha liema access ghandhu jsir fl-ahjar interess tal-minuri u l-ezigenzi tieghu.*
4. *Tordna u tiffissa ammont bhala manteniment mensili iben il-partijiet, DCB, liema manteniment ghandhu jithallas lil konvenut rikonvenzjonanti mill-attrici rikonvenzjonata permezz ta' standing order jew inkella direttament mill-paga taghha;*
5. *Tordna illi tali manteniment ghandu jgholha perjodikament biz-zieda li ghandha taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja kif provdut fl-Artikolu 54(4) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;*
6. *Tordna u tiffissa illi l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri DCB ghandhom jithallsu f'ishma ugwali bejn il-partijiet;*
7. *Tordna li l-konvenut rikonvenzjonanti jippercepixxi kull beneficcju inkluz ic-Children's Allowance assocjat mal-minuri DCB.*

*Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kif ukoll tal-medjazzjoni 1047/17 kontra l-attrici rikonvenzjonata li minn issa hija ngunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ta' AB ghal kontro-talba tal-intimat datata 4 ta' April 2019, a fol 26 et seqq., li taqra hekk:

*Illi l-esponenti ma taqbilx mal-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet imressqa mill-intimat, liema huma inveritieri u nfondati ghal kollox, kemm fil-fatt kif ukoll u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. L-esponenti tirriserva minn issa li tressaq xhieda in sostenn.*

*Illi fir-rigward tat-talbiet, l-esponenti tissottometti s-segwenti:*

1. *Illi l-attrici tichad kategorikament addebitati lilha fit-tieni sottomissjoni tat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut u cioe l-allegazzjoni illi l-attrici hi hatja tal-firda bejn il-partijiet minhabba relazzjonijiet ma' terzi u ta' dan mhux biss tinsisti li huma allegazzjonijiet inveritieri izda wkoll illi dawn huma ghal kollox irrelevanti ghal mertu tal-kaz odjern.*

2. *Illi hu ukoll ghal kollox inveritier il-fatt li l-konvenut rikonvejonanti dejjem ried ikollu rwol attiv f'hajjet il-minuri, meta fil-fatt mil-bidu wara l-koncepiment tieghu abbanduna lill-esponenti tqila b'ibnu liema esponenti kellha sserrah biss fuq ommha u missierha sabiex hija ssostni lilha nnifisha u t-tarbija li kienet sejra titwieled.*

3. *Illi l-attrici hija l-persuna idonea sabiex tiehu hsieb il-minuri u dan ghaliex it-trobbija tal-minuri m'ghandhiex tkun dipendenti fuq l-aptit u l-burdata izda ghandha tkun weghda konkreta mal-minuri li l-genitur ser jaghmel lill-minuri priorita' kif dejjem ghamlet l-omm.*

4. *Illi hu ghal kollox inveritier l-allegat fatt illi l-attrici tipprovdi ambjent instabbli u mhux sigur. Izda dak allegat fit-tielet premessa tal-konenvut huwa biss tentattiv pwerili biex ihammeg lill-esponenti li ilha daz-zmien kollu tiehu hsieb wahidha lill-iben minuri b'imhabba u ghalaq kbir.*

5. *Illi dak li wassal ghal din il-kawza kien proprju l-pika odjuza li rrenjat flok il-ftehim. Minkejja li l-partijiet damu ghal zmien twil jimmedjaw, u wara li fallew dawn it-tentattivi huwa rrisolvew li jirrikorru ghal procedura tar-rikors u jistriehu fuq id-digriet tal-Onorabbli Qorti Imhallef. Minkejja dan, il-konvenut xorta webbes rasu u sabbat saqajh u meta d-digriet ma ghogbux ghazel li ma jridx isegwih u ghadu sa llum ma jsegwihx. Kien proprju ghalhekk li kellha tinfetah il-kawza odjerna.*

6. *Illi huwa wkoll inveritier l-allegat fatt li l-konvenut ma kienx jaf kif tahdem il-procedura tal-Qorti, u kull skuza ohra li huwa jaghti biex jevadi l-obbligi tieghu, tant li l-istess huma l-iskuzi vvintati biex huwa ma jhallasx manteniment fejn minn banda qieghed jghid li qed jistrieh fuq il-familjari sabiex isellfuh il-flus meta mill-banda l-ohra ma huwiex qed ihallas il-manteniment dovut minnu.*

*B'hekk jistaqsi ghal liema raguni qieghed jissellef dawn il-flejjes.*

7. *Illi in vista ta' dan kollu, l-esponenti qieghda toggezzjoni fl-intier taghhom ghat-talbiet tal-konvenut u dan ghar-ragunijiet kollha moghtija u kif ser jigi pruvat tul it-trattazzjoni tal-kawza.*

Rat id-digriet taghha datat 3 ta' Lulju 2019, li jirrigwardaw proceduri ghal revoka ta' digriet fl-istess ismijiet, atti processwali numru 314/2018/2;

Rat in-Nota kongunta tal-partijiet datata 28 ta' Gunju 2022, li permezz taghha indikaw lil din il-Qorti il-ftehim taghhom rigward kura u kustodja, access u spejjez ta' edukazzjoni u attivita extra-kurrikulari tal-minuri. Ghaldaqstant, kien fadal biss l-ezitu rigward il-manteniment tal-minuri.

Semghat it-trattazzjoni;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici AB xehdet *viva voce* nhar it-12 ta' Frar 2020** *(vide fol 65 et seq)* u spjegat illi hija kienet ilha tlett (3) snin mal-intimat u meta kellha tlett xhur tqala kien telaqa stante li kien qieghed jahseb li kellha relazzjonijiet ma' persuna ohra. Hija ssostni illi mhuwiex minnu dak li jghid l-intimat li huwa jaqla paga minima u dana peress li l-intmat jahdem bhala *electrician self-employed* u ghandu n-nies jahdmu mieghu. Filfatt tenniet illi minn facebook hija kienet sabet illi l-intimat ghandu kumpanija tieghu. Izzid illi meta kienu ghadhom flimkien, hu kien diga f'dan ix-xoghol ghar-rasu ma' huh Matthew. Gara illi wara li hareg id-digriet pendente lite, hija ma setghat tibqa' tara xejn minn tal-intimat fuq facebook. Isostni illi ghandu in-nies jahdmu mieghu ghaliex meta jigi ghat-tifel, tarah diversi drabi bin-nies mieghu. Izzid illi ghandu ukoll xi vannijiet.

Tispjega ukoll illi meta kien ghamel party lill-minuri, kien ghamel "kwazi tieg" imma imbaghad l-intimat jinsisti maghha illi m'ghandux minn fejn jaghti manteniment. Dak iz-zmien isostni illi l-intimat kien jaghtiha EUr 200, u biex hadithom kellha tmur taghmel ir-rapporti l-ghassa. IL-attrici tirrileva ukoll illi l-intimat isiefer spiss u ghandu delizzju tal-karozzi u qabel ma twieled it-tifel, kienu spiccaw biex kulhadd xtara dak necessarju ghalih sforz il-glied li kien hemm bejniethom. L-attrici tixhed illi hija tahdem bhala *stacker* f'*supermarket* u tahdem biss filghodu minhabba l-minuri. L-attrici tispjega illi fil-proceduri tal-medjazzjoni hija kienet hejjiet prospett

tal-ispejjes tal-minuri, bir-ricevuti relattivi ghal-xahar shih u cioe Mejju tas-sena 2019.

**In kontro ezami nhar it-12 ta' Novembru 2020** l-attrici b'referenza ghad-dokumenti a fol 152-176, tispjega illi hi pruvat zzomm ix-xoghol ta' *nail technician* bhala xoghol part-time, izda minhabba l-pandemija dan kien difficli. Tishaq illi hija kienet ghamlet kors biex tibda' bhala *nail-technician* fuq bazi *part-time* ghaliex ma bdietx tlahaq finanzjarjament. Isostni illi r-ritratti tad-dwiefer esebiti huma ta' familjari u filfatt xorta wahda ghadha tahdem bhala *stacker*. Tixhed illi iktar nefqet milli dahlet flus mid-dwiefer. L-attrici tikkonferma illi hija lestiet il-kors f'Awwissu kif jindika r-ritratt tac-certifikat mar-ritratti esebiti milli intimat. Mistoqsija jekk tafx meta l-intimat beda l-*business* tieghu, l-attrici tindika illi ma tafx meta kien dan, izda taf bic-cert illi dan kien qabel ma' twieled il-minuri. Tikkonferma illi kif twieled il-minuri, l-intimat beda jghaddilha EUR 200 u kien ukoll xtralha *pushchair* li kienet tghatulu lura. Illi ghalkemm l-intimat kien offra li jhallas nofs il-vaccinazzjonijiet privati tal-minuri, l-attrici tiddikjara illi hija xorta ma setghetx tkopri sehema.

Konfrontata bil-fatt li hija kienet halset *photoshoot* u karozza kbira ghall-minuri, ix-xhud tikkonferma u tispjega illi l-*photoshoot* kien rigal u hija harget biss id-differenza, filwaqt li l-karozza kienet xi haga li xtaqet tixtri lil binha u xtratilu mat-twelid, u toqghod lura minn hafna affarijiet hi biex tixtri lilu. Tikkonferma ukoll illi bhalissa hija qieghda tircievi EUR 300 bhala manteniment ghall-minuri minghand l-intimat u fir-rigward tal-ispejjes, l-intimat dejjem tahomlha, izda fil-Covid kien ghamel tlett xhur jaghtiha EUR 150.

**In ri-ezami** l-attrici spjegat illi d-digriet kien ordna lill-intimat jaghtiha EUR 300 bhala manteniment u la l-minuri jitla' *year* 1, dan jizdied ghal EUR 350, u kien hemm sena shiha fejn kien ikollha taghmel ir-rapporti biex l-intimat ihallas il-manteniment fl-ammont ordnat mill-Qorti. Illi beda jaghtiha l-manteniment shih meta bdew il-proceduri odjerni.

**L-intimat JC xehed nhar il-11 ta' Frar 2021 (vide fol 197 et seq)** u spjega illi huwa jghaddi d-dawl u l-ilma u ilu f'dan ix-xoghol mis-sena 2015. Mistoqsi mill-Qorti jekk ghandux lavranti mieghu huwa jispjega illi m'ghandux imma gieli kellu xi xoghol ma' haddiema ohra ta' entitajiet ohra. Jiddikjara illi fix-xahar huwa jaqla' EUR 1415 u minn dana l-ammont irrid inaqqas it-taxxa u l-bolla. Jixhed ukoll illi jahdem bi shab ma' huh f'dan ix-xoghol. Fir-rigward ir-relazzjoni tieghu mal-attrici jispjega illi huma ghamlu circa sentejn u nofs bl-*"on and off"* u kien ikollhom hafna xi jghidu. Illi dak iz-zmien huwa kellu ghoxrin (20) sena. L-intimat jirrileva illi mill-paga tieghu huwa jrid ihallas il-*loan* fl-ammont ta' Eur 400 u Eur 300 bhala

manteniment. Jaghti wkoll Eur 250 lil ommu peress li l-genituri tieghu ormai separati, imbaghad ghandu spejjes ta' *fuel* fl-ammont ta' Eur 100 fix-xahar u *mobile*. Izid illi kien hemm zmien fejn kienu jghinu missieru peress li kien qieghed jehel hafna multi u kien qieghed jissogra li jmur il-habs. L-intimat xehed ukolli illi fejn jidhlu r-rigali tal-minuri tghinu hafna it-tfajla prezenti tieghu. Fir-rigward il-karozza jispjega illi din kien xtraha qabel ma kellu t-tifel u hija *second hand.*

L-intimat riprodott in kontro-ezami nhar il-21 ta' Gunju 2021(vide fol 220A et seq) jikkonferma illi li l'hinn mill-proceduri odjerni, m'ghandu l-ebda kwistjonijiet ohra jew problemi ohra mal-attrici. Mistoqsi fuq l-introjtu tieghu fis-sena, l-intimat jixhed illi huwa jippercepixxi bejn EUr 17,000 u 18,000. Izid illi huwa m'ghandux passatempi partikolari.

**Massimo Borg, l-*accountant* tal-intimat xehed in kontro-ezami nhar l-10 ta' Marzu 2022 (vide fol 260 et seq)** u spjega illi ilu l-*account* tal-intimat ghal dawn l-ahhar tmien (8) snin, u li kien l-*accountant* tieghu personali peress illi l-intimat kellu VAT number personali ghaliex kien jaghmel xi xoghol ta' ilma u dawl fuq bazi *part-time* u l-*partnerhsip* giet wara. Jikkonferma illi l-*partnership* giet iffurmata fis-sena 2016 u ma kien hemm l-ebda investiment ta' kapital. Mistoqsi ghalfejn hu l-intimat qieghed jippercepixxi 60% tal-profitti u l-intimat qieghed jippercepixxi biss 40% din l-ahhar sena, ix-xhud jispjega illi l-ahwa m'ghandhomx paga imma hemm biss *a share of profits* li huwa bbazat fuq min minnhom hadem l-aktar, u dan jigi deciz fl-ahhar tas-sena. Mistoqsi kemm kien jippercepixxi l-intimat meta kien jaghmel dan ix-xoghol fuq bazi *part-time*, ix-xhud jindika illi ma jiftakarx, pero dak iz-zmien l-intimat kellu xoghol *full-time* u ghalhekk kellu hin limitat. Ix-xhud jirrileva illi sa fejn jaf hu l-intimat m'ghandux impjegati mieghu. Ix-xhud jindika ukoll illi l-ammont indikat fid-dokumentazzjoni in atti bhala sehem l-intimat mill-profitti tal-*partnership* huma l-ammont li minnu jridu jitnaqsu t-taxxi u l-bolla u ghalhekk l-intimat jaqbad f'idejh circa EUR 1118 fix-xahar.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza dwar minn mill-partijiet ghandu jkun fdat bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri DCB, iben il-partijiet.

*Fir-rigward il-kura u l-kustodja tal-ulied*

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq

kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[2] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[3]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[4] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[5]

---

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[5] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[6]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[7]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

*Fir-rigward l-access versu l-ulied*

Illi fir-rigward l-access, inghad illi huwa generalment fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi preservata r-relazzjoni taghhom maz-zewg genituri, indipendentement mill-istat tar-relazzjoni ta' bejn il-genituri stess. Illi l-Artikolu 57 tal-Kap 16 jipprovdi kif segwenti:

> ***(1) Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jiġu fdati l-ulied minuri tal-miżżewġin, il-miżżewġin jibqgħu fil-jedd li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqgħu obbligati li joħorġu s-sehem li jmisshom għall-manteniment u l-edukazzjoni, skont il-liġi.***

[6] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[7] Enfazi tal-Qorti.

***(2) Hu mħolli fid-dehen tal-qorti li tistabbilixxi, skont iċ- ċirkostanzi, iż-żmien, il-lok, u l-mod li fihom il-miżżewġin ikollhom aċċess għall-ulied.***
***(3) Il-qorti tista' tipprojbixxi għal kollox lill-missier jew lill-omm li jkollhom aċċess għall-ulied minuri tagħhom, meta dan jista' jkun ta' ħsara għall-ġid ta' l-istess minuri.***

Meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizzjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[8] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

*Fir-rigward il-manteniment ghall-ulied*

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont

[8] Enfazi tal-Qorti.

il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

> ***"......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu f'relazzjoni intimat mill-liema relazzjoni kellhom lil minuri DCB li twieled nhar X, li llum il-gurnata ghandu X snin. Illi mit-testimonjanza tal-partijiet jirrizulta illi huma infirdu meta l-attrici kienet ghadha *incinta*.

Illi kif accennat iktar 'l fuq, il-partijiet lahqu ftehim (Vide nota kongunta datata 28 ta' Gunju 2022) fir-rigward il- kura u kustodja, access u l-ispejjez ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri u fadal biss kontestazzjoni dwar il-*quantum* tal-manteniment dovut mill-intimat lill-attrici ghall-minuri. Din il-Qorti rat illi l-partijiet qablu illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tkun kongunta bejn il-partijiet, filwaqt illi hemm qbil illi l-access tal-intimat versu l-minuri ghandu jkun kif segwenti u cioe:

- Kull nhar ta' Tlieta u Hamis mill-4pm sas-7pm
- L-ewwel gimgha ghandu jkun hemm *sleepover* mill-Gimgha mit-8pm sas-Sibt 8pm
- Fit-tieni gimgha ghandu jkun hemm *sleepover* mis-Sibt mit-8pm sal-Hadd sat-8pm – b'mod alternat minn gimgha ghal gimgha.

Illi f'okkazzjonijiet jew granet specjali il-partijiet qablu illi l-access ghandu jkun ezercitat kif segwenti:

- F'Jum il-Missier: il-konvenut ser ikollu access mit-8am sat-8pm u f'Jum l-Omm il-minuri jkun dejjem mal-omm;
- F'jum gheluq snin il-missier, il-minuri jkun mal-missier mit-8am sat-8pm u f'jum gheluq snin l-omm il-minuri ikun mal-omm;
- F'Jum il-Milied, fl-ewwel sena, il-minuri jkun mal-missier mit-8am sat-8pm filwaqt li s-sena ta' wara jkun mal-omm;
- F'Jum l-Ewwel tas-Sena, fl-ewwel sena jkun mal-omm filwaqt li t-tieni sena ikun mal-missier mit-8am sat-8pm;
- F'Jum l-Ghid, din il-gurnata ghandha tinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet bi ftehim bejniethom.
- F'gheluq snin il-minuri, fl-ewwel sena il-minuri jkun mal-missier mit-8am sat-8pm u s-sena ta' wara jkun mal-omm.

Din il-Qorti rat ukoll illi l-partijiet qablu illi l-ispejjes ta'sahha, edukazzjoni u dawk extra-kurrikulari ser jinqasmu b'mod ugwali mill-partijiet.

Fir-rigward il-quantum tal-manteniment mensili ghall-minuri din il-Qorti rat illi l-attrici tahdem bhala *stacker* gewwa *supermarket* tul dawk il-hinijiet li l-minuri jkun l-iskola u anke ghamlet kors ta' *nail technician* bil-hsieb li possibbilment l'quddiem hija taqbad f'dan ix-xoghol. Illi minn naha l-ohra, l-intimat huwa *self employed* u qieghed f'*partnership* ma' huh, fejn joffru servizzi ta' *plumber* u *electrician*. Il-Qorti tinnota illi filwaqt li l-intimat pprezenta d-dokumentazzjoni relattiva ghall-profitti tal-partnership, l-attrici ma esebit l-ebda dokumentazzjoni li turi effettivament kemm hu d-dhul taghha. Illi pero' l-attrici esebit rendikont tal-ispejjes mensieli li hija tinkorri fir-rigward tal-minuri ghal-xahar partikolari, u l-ircevuti relattivi.

Il-Qorti rat ukoll illi fil-mori tal-proceduri tal-medjazzjoni, bin-numru 1047/2017, din il-Qorti diversament preseduta laqghet it-talba tal-attrici fis-sens illi l-manteniment ghall-minuri ghandu jkun fl-ammont ta' EUR 300 b'dana illi dawn jigi awmentat ghal EUR 350 hekk kif il-minuri jaghlaq hames (5) snin. Illi l-intimat ma kien intavola l-ebda risposta ghal tali rikors ghar-ragunijiet spjegati minnu tul il-mori tal-proceduri *de quo*.

Wara li qieset il-provi kollha in atti, din il-Qorti, tqiss illi l-intimat JC, bhala *plumber u electrician,* ghandu dhul ferm aktar milli dak dikjarat. Illi di piu, mhuwiex verosimili illi l-

persuna li allegatament jaqla' ftit iktar minn *minimum wage,* jkollu flus bizzejjed biex izomm l-*accountant* tieghu ghall-tmien (8) snin shah. Il-Qorti, di piu, ghandha pre-okkupazzjoni dwar l-allegat qsim ta' proffitti bejn l-intimat u huh u cioe 40% tal-qligh percepibbli mill-intimat u 60% percepibbli minn hu l-intimat. Ghaldaqstant il-Qorti jidhrilha illi il-*quantum* stabbilit minn din il-Qorti diversament preseduta fl-atti tal-medjazzjoni, hija gusta u qieghda tigi akkoljata.

Illi din il-Qorti hija konsapevoli li t-trobbija tal-ulied iggib maghha diversi spejjes illum il-gurnata, apparti l-fatt li l-hajja qieghda tghola b'rata piutost rapida. Illi ghalkemm il-minuri jintbaghat skola tal-Istat, din il-Qorti taghraf illi xorta wahda dana jgib mieghu diversi spejjes bhal *outings, donations* ghall-ghaqdiet ohra, *etc.* Ghaldaqstant, il-Qorti tara illi jkun ghaqli illi l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri, jigi divizi bejn il-partijiet, kontra ricevuti u ghandhom jithallsu fi zmien hmistax mill-presentata tar-ricevuti.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti u fuq il-ftehim imfassal mill-partijiet data 28 ta' Gunju 2022 (vide 275 et seq.), taqta' u tiddeciedi t-talbiet maghmula fir-rikors promotur kif ukoll fil-kontro-talba billi:**

1. **Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri DCB li twieled nhar X, li llum il-gurnata ghandu X snin tkun wahda kongunta;**

2. **Tordna illi r-residenza primarja tal-minuri ghandha tkun mal-omm b'dana illi l-intimat missier ghandu dritt ta' access bil-mod segwenti:**

    - **Kull nhar ta' Tlieta u Hamis mill-4pm sas-7pm**
    - **L-ewwel gimgha ghandu jkun hemm *sleepover* mill-Gimgha mit-8pm sas-Sibt 8pm**
    - **Fit-tieni gimgha ghandu jkun hemm *sleepover* mis-Sibt mit-8pm sal-Hadd sat-8pm – u dan l-access jibqa jsehh b'mod alternat minn gimgha ghal gimgha.**

    **Illi f'okkazzjonijiet jew granet specjali il-partijiet qablu illi l-access ghandu jkun ezercitat kif ser jinghad:**

    - **F'Jum il-Missier: il-konvenut ikollu access mit-8am sat-8pm u f'Jum l-Omm il-minuri jqatta' l-gurnata shiha mal-omm;**

- **F'jum gheluq snin il-missier, il-minuri jkun mal-missier mit-8am sat-8pm u f'jum gheluq snin l-omm il-minuri jqatta' l-gurnata shiha mal-omm;**
- **F'Jum il-Milied, fl-ewwel sena, il-minuri jkun mal-missier mit-8am sat-8pm filwaqt li s-sena ta' wara jkun mal-omm;**
- **F'Jum l-Ewwel tas-Sena, fl-ewwel sena jkun mal-omm filwaqt li t-tieni sena ikun mal-missier mit-8am sat-8pm;**
- **F'Jum l-Ghid, din il-gurnata ghandha tinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet bi ftehim bejniethom.**
- **F'gheluq snin il-minuri, fl-ewwel sena il-minuri jkun mal-missier mit-8am sat-8pm u s-sena ta' wara jkun mal-omm.**

3. **Tordna lill-intimat jivversa lill-attrici s-somma ta' EUR 350 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri f'kont bankarju indikat mill-istess attrici, oltre nofs l-ispejjes ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari kontra ricevuti, liema ammont ghandu ukoll jigi versat lill-attrici f'kont bankarju indikat minnha.**

4. **Tordna illi kwalsiasi beneficcju/i jew ghajnuna socjali li jista' jkun intitolat ghalihom il-minuri ghandhom jigu percepiti mill-attrici.**

**L-ispejjes ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**